# DRAWWIET LI SPIĊĊAW JEW IMBIDLU

RAFEL BONNICI CALI'

Tifkiriet dwar l-Ewwel Tqarbina, Funerali u Fratelli

Fi tfuliti kienhemm xi drawwiet li spiccaw jew imbidlu, skond il-hsieb tan-nies tal-lum, ghax hekk miexja id-dinja... dejjem iddur, u ahna nduru maghha. Dawn id-drawwiet kienu l-aktar ta' xehta religjuza.

Dari, il-maghmudija kienet issir aktarx l-ghada stess tat-twelid tat-tarbija, u kull tarbija titghammed ghaliha fuq il-fonti qrib il-bieb ta' barra. Minn ftit snin l-hawn, it-trabi bdew jigu kollha flimkien fil-knisja, u jitghammdu fuq l-artal stess, wara xahar jew aktar fuq it-twelid, u ghalhekk illum l-omm stess tressaq lit-tarbija ghal-dan is-Sagrament. Dari, l-omm qatt ma kienet tara il-maghmudija ta' wlieda, ghax kien hawn id-drawwa li ma tohrogx mid-dar qabel jghaddu erbghin jum mit-twelid. Ghalhekk dari it-tarbija kienet tingarr lejn il-knisja minn mara (ir-reffiegha), li kienet tieħu hsieb ta' kollox, il-hin, il-qabla(li fl-ibliet kienet tissejjah il-majjistra)-sahansitra l-isem tat-tarbija, izda il-missier spiss kien jiehu sehem ukoll, ghax wara kollox id-dritt hu tieghu li jaghti l-isem, u wkoll il-hlas taz-zemgha jew xi flus lill-min jghammed. Ma dawn kienu jiehdu sehem ukoll, l-istess bhalma ghadu jsir, il-parrinijiet, ragel u mara hbieb tal-familja, li x-xoghol taghhom ikun li jzommu lit-tarbija mimduda sakemm il-qassis isawwab l-ilma fuq rasha. Ir-ras tinzamm minn-ragel jekk it-tarbija tkun tifel, u mill-mara jekk tkun tifla. Din kienet il-maghmudija tal-haddiem u klassi medja komuni. Min kien jista' mhux hazin, kien izid xi hag'ohra; flok xemgha ta' kwart kien jaghti wahda ta'

ratal, u flok disa rbghaja lill-qassis, kien jaghtih tmintax irbieghi (12 il-centezmi t'issa), imma min kien tassew sinjur, kien jaghti lira tad-deheb lill-qassis, u jqassam nofs lira ohra lis-sagristan u lit-tifel abbati li jkun hemm. Tirrakkonta ommi li kulhadd kien skanta meta is-sur Guzeppi D'Amato ta' lira tad-deheb lill-qassis meta kien ghammed l-ewwel tifel li kellu, meta l-knisja tar-Rahal Gdid saret parrocca fl-1910. Tirrakkonta wkoll, li l-Markiz Barbaro, ha lit-tarbija tieghu biex titghammed, fil-knisja ta' Hal Tarxien, bil-parilja, u z-zwiemel kellhom in-naghal tad-deheb, ghall-okkazjoni. Ha wkoll mieghu buqar u friskatur tal-fidda, u xugaman ta' l-ghazel irrakkmat, biex il-qassis jahsel idejh, u meta kien lest kollox, tefaghlu f'idejh fwieha minn flixkun ckejken, u minnu wkoll raxx il-fwieha f 'idejn min kien hemm fil-knisja. Din il-bicca tal-fwieha inghogbot wisq u ftit ftit saret drawwa wkoll tan-nies tal-klassi medja. Nif-takar fost l-ohrajn, lill-missieri jroxx il-fwieha fuq dawk li kienu fil-knisja, ghall-maghmudija ta' ohti z-zghira Lorenza, meta jiena kelli ga disa snin, u mort il-knisja mdaqqaq, inzomm ix-xemgha mal-kumpanija shiha tal-familja u tal-parrinijiet, kulhadd bil-mixi qisna processjoni, ghax hekk kienet id-drawwa dak iz-zmien. Mhemmx ghalfejn nghidu, ghamilna processjoni ohra lura mill-knisja ghad-dar, fejn kellna xi haga tal-helu, kif ukoll gelat u biskuttini tawwalin bil-gelu, ghamla ta' l-ittra "S" skond l-uzu Malti, xoghol ta' Malta. Kellna wkoll ix-xorb tar-rozolin u l-menta, ghat-tfal, u mastika u rum ghall-kbar. Kienet drawa ohra li l-parrinijiet jaghtu r-rigali, generalment xi haga tad-deheb, aktarx xi labra jew gizirana bis-salib jew domna, ghat-tarbija filjozza. Ta' tifel li kont, gawdejt kemm flaht bil-biskuttini u r-rozolin, xoghol tipiku ta' Malta, ahmar u helu, famuz ghall-festi familjari tal-maghmudija u tigijiet ta' dari. Haga stramba kienet li dawn il-festi familjari ma kienux isiru meta t-tfal kienu jaghmlu l-ewwel tqarbina, forsi ghax ma kienx hemm htiega ta' parrinijiet

ghal dan is-Sagrament, izda wkoll ghall-Grizma ta' l-Isqof, li fiha jkunhemm bzonn ta' parrinijiet, ftit li xejn kienu jaghmlu festi familjari, ghalkemm il-parrinijiet aktarx kienu jaghtu xi haga tad-deheb lill-filjozzi taghhom.

Dawn il-parrinijiet tal-Grizma, u dawk tal-maghmudija, kienu jissejhu 'xbejjen' mill-genituri tal-filjozzi, u l-genituri kienu joqghodu attenti lill- min jaqalghu bi xbejjen, ghax dawn jibdew jitqiesu bhala bicca mill-familja taghhom; ghalhekk kien unur kbir, li wiehed jinhatar parrinu jew ohra tinhatar parrina.

Il-festi tal-maghmudija u l-Grizma ta' l-Isqof, bdew aktarx isiru fil-familji, wara li bdew isiru mill-istituti religjuzi tad-duttrina, imsejhin tal-Muzew, li kien waqqaf Dun Gorg Preca fl' 1907 fil-Hamrun, u li malajr xterdu ma' Malta u Ghawdex. It-tfal bdew jingabru fil-Muzew tal-belt jew fir-rahal taghhom, u jmorru l-knisja f'ghamla ta' processjoni, flimkien ma' l-ghalliema taghhom tal-katekizmu, ikantaw matul it-triq, u hekk ukoll jergghu lura lejn il-Muzew, fejn kien ikollhom imhejjijin biskuttini ta' Malta, u kokotina. Dawn kienu il-festi ta' ulied il-poplu, organizzati mill ghaqdiet ta' Dun Gorg, izda kienhemm ukoll it-tqassim tas-santi mill-Kappillan, lil kull tifel u tifla, biex jibqghu jiftakru f'dak il-jum sabih. Dawn kienu santi kbar, li jkun fihom l-isem tat-tifel jew tifla, u tal-parrocca. Il-familji bdew ukoll jaghtu santi zaghar b'isem uliedhom lill-hbiebhom, li bdew ukoll jigu mistiedna jiltaqghu id-dar, u illum, dawn saru komuni hafna.

Dari, is-santi kienu jsiru biss ghall-ewwel quddiesa tal-qassisin godda, bl-istampa fuq quddiem, u kitba bil-latin, ingliz jew taljan fuq wara; illum, din il-kitba aktarx issir bil-Malti. Spiccaw dawk is-santi lussuzi, mdawrin bil-bizzilla, li kienu jsiru fl-antik. Kollezzjoni ta' santi bhal dawn, antiki, jkun

fiha tassew x'tara. Santi ohra ta' tifkira, kienu dawk tal-mejtin, li xi drabi bdew ikollhom fuqhom, mhux biss xbiha ta' qaddis jew xi hag'ohra, u kitba bl-isem u d-data tal-mejjet, imma wkoll, fotografija, minn-nofs is-seklu dsatax il-quddiem.

Il-funerali dejjem kienu jsiru mill-ahjar li wiehed jista, bhala rispett u sinjal ta' mhabba lejn il-mejjet; qawl Malti jghid, li "Kulhadd ikeffen l-Ommu kif jista'" Dari, l-familji tal-flus kienu jahsbu ghal-qabar minn qabel ma jahsbu ghal-bini ta' djarhom, u dawk li kienu tassew ghonja kienu jzejnu l-qabar b'ghatu ta' l-irham, u fuqu l-arma tal-familja u l-kitba u ismijiet bit-taljan jew latin. Kulhadd kien ihabrek biex jindifen fil-knisja fejn ikun tghammed, u kien jahseb ukoll biex ikollu talb ghall-mistrieh ta' ruhu, billi jinkiteb f'xi fratellanza li tahseb ghas-suffragu ta' l-imsehbin taghha. L-ghonja kienu jhallu flus ghal-quddies jew karita' imma l-fqir u l-medja klassi kien jaqblilhom jidhlu f'xi fratellanza, u b'hekk ikollhom suffragu mhux anqas minn haddiehor.

Fratell kellu ukoll privilegg li jindifen fil-qabar tal-fratellanzi, u jkollu wkoll funeral sabih bil-fratelli jakkumpanjaw bl-istandard taghhom; bniedem kien jista' jinkiteb f'kull fratellanza tal-parrocca tieghu, kif ukoll f'ta' parrocci ohra.

F'Hal Tarxien, fil-Parrocca tieghi, il-bdiewa u xi mghallmin kienu jinkitbu fil-hames fratellanzi, u kien ikollhom funerali daqs ta' l-aqwa ghonja, bl-akkumpanjament ta' hames standardi u hafna fratelli. Dari, hawn kulhadd aktarx kien bidwi jew haddiem ghar-raru, u kien jista' jfalli meta jrid mix-xoghol biex jiehu sehem fil-funerali; ghalhekk meta kien imut xi fratell is-sagristan kien johrog idur mar-rahal bil-qampiena fidu idoqq u jghajjat, wara d-daqq ta' l-Ave Marija. L-ghajta tieghu kienet tkun: "Tal-abjad, tal-ahmar, tal-ikhal, tal-iswed u l-abjad...ghadha fis-seba il-kumpanjament!" Dan kien ifisser,

li l-fratelli tar-Ruzarju, tas-Sagrament, tal-Kuncizzjoni, tac-Cintura u tad-Duttrina iridu jmorru ghal-funeral fil-hin. Ma dawn kienu jizdiedu l-qassisin li kienet tordna il-familja tat-tajjeb, u kien ikunhemm funeral daqs ta' kappillan ukoll jekk il-mejjet kien ikun xi bajjad jew skarpan. Id-differenza kienet tkun biss, li l-Kappillan kien jingarr mikxuf fuq il-mejjilla, u l-iskarpan f'tebut maghluq. Mbaghad kien ikollna l-funeral tal-foqra, meta xi habib kien johror mat-triq biex isirlu tebut irhis, u l-imsejken jittiehed fil-knisja u jindifen fil-qabar tal-komun, dejjem bl-akkumpanjament tal-kappillan tal-parrocca.

F'xi parrocci fejn hemm il-fratellanza tal-Karita' bhal tal-Belt, il-Birgu u r-Rabat, il-foqra kienu jingabru u jindifnu minn dawn il-fratellanzi tal-hniena, li jahsbu ukoll ghall-mistrieh tal-erwieh kollha, ghonja u fqar, xorta wahda.

---

Donazzjoni. Nixtiequ bil-qalb u rikonoxxenza, nizzu hajr lill-benefatturi taghna. Din is-sena Is-Sin'na Karmen Mikallef Buhagiar baghtet donazzjoni generuza, mill-Londra. Nirringrazjawha hafna.

Tahditiet. Is-Sur Guido Lanfranco ta disa tahditiet dwar il-Folklor Malti, lill-istudenti tal-Liceo il-Gdid tax-Xjenza, fl-Imsida, f'Dicembru 1981. Tahdita ohra dwar id-drawwiet tal-Milied u l-ewwel tas-sena, lill-Friendship Group, Floriana, 2-12-81

Ahbarijiet Folkloristici. Is-soltu fl-Imnara l-Editur jaghmel lista ta' ahbarijiet lokali ta' nteress folkloristiku; dawn ser jidhru fil-harga li jmiss flimkien ma' dawk ta' dik is sena.

--x--x--x--x--x--x--